Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL WIEHED u ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 22 ta' April 2014

**Ħin:** Mill-5.30pm sas- 8.05pm

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Ambaxxatur s-Sur Andrew Zammit Montebello bagħat jinfurmana li ma setax ikun preżenti għaliex kien għaddej bl-eżamijiet.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Erbgħin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 2 ta' April 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Guido Borg, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Ma kienx hemm *arising out* tal-minuti

## 3. Ġieħ Ħal Balzan

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda l-file bin-nominazzjonijiet li ntefgħu li kienu s-Sinjura Marcelle Delicata, s-Sinjura Marion Pace Axiak u s-Sinjura Marlene Abela

Il-Kunsillier Stephen Gatt issuġerixxa li bħala rikonoxximent tal-ħidma siewja li ta lill-lokalita' l-mibki Joe Camilleri għandu jingħata dan il-ġieħ (Posthumous award).

Il-Viċi Sindku Joe Galea kien qed jipproponi li għal din is-sena dawn l-erba' persuni nominati għandu jingħatalhom dan il-premju hekk kif diġa' sar preċedent is-sena l-oħra u dan il-premju ngħata lill-ħames persuni u s-sena d-dieħla jkun stabbiliti kriterji ġodda ta' kif jintgħazlu r-rebbieħa.

Il-Kunsill approva unanimament mal-proponiment tal-Viċi Sindku u l-Premju Ġieħ Ħal Balzan ser jingħata lill-dawk kollha nominati.

## 4 Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern għar-Rapport Finanzjarju Annwali 2013

Is-Segretarju Eżekuttiv qegħdet fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2013 kif emendat wara li sar l-audit.

Ir-rapport finanzjarju annwali għas-sena 2013 kien propost għall-approvazzjoni mis-Sindku Dr. Zammit Montebello li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Ir-rapport ġie approvat unanimament u tmien kopji tar-rapport ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

## 5 Promozzjoni minn Skrivan fi Skala 15 għal-Executive Officer fi Skala 13

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda email mid-Dipartiment fejn il-Kunsill ingħata direzzjoni ta’ kif għandu jimxi fir-rigward ta’ dan it-tip ta’ promozzjoni. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li għandha toħroġ sejħa interna fost il-ħaddiema klerikali tal-Kunsill għal min hu interessat.

## *6* Aġġudikazzjoni tat-Tender R.P.W. 1/14- *Resurfacing & Pavement Works in Various streets in Ħal Balzan*

Is-Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda r-rapport tekniku tal-perit tal-Kunsill fir-rigward tal-unika offerta li ġiet sottomessa għal dawn ix-xogħolijiet li kienet ta’ Dimbros Ltd.

Is-Sindku Dr. Zammit Montebello qal li mir-rapport jidher li l-kumpanija Dimbros kull ma għandha xogħol ta’ rikostruzzjoni tat-toroq u li rebħet bħala tender hija tal-Gudja. Fil-kaz ta’ bankini u large patching area jidher li għandhom esperjenza.

Għalhekk huwa kien qed jipproponi li fir-rigward tar-rikostruzzjoni tat-toroq Għerusija u l-kumplament ta’ Guze Bonnici jingħata x-xogħol lil Dimbros Ltd pero’ qed jitlob lis-segretarju eżekuttiv biex jagħmel appuntament ma’ l-Avukat tal-Kunsill ħalli jiġi fformulat kuntratt li jinkorpora fih ċertu klawsoli fejn fost oħrajn jorbtu lil min ser jagħmel ix-xogħol b’terminu ta’data ta’ meta għandhom jitlestew it-toroq u f’kaz ta’ dewmien jiġu skattati multi ħorox fil-konfront tal-kuntrattur biex kemm jista’ jkun nitgħallmu mill-iżbalji li setgħu saru fil-passat.

Il-proponiment kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg u ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

## 7 Aġġudikazzjoni tat-Tender S.L. 1/14- *Light Fittings and luminaires in various steets in Ħal Balzan*

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tar-rapport tal-perit tal-kunsill fuq l-offerti mitfuha. Il-Kunsill qabel li jagħzel dik ta’ Mica Med Ltd peress li din kienet l-aħjar offerta. Dan il-proġett ser jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-UIF tal-MEPA.

## 8 Aġġudikazzjoni tat-Tender P.G. 1/14- *Upkeep and Maintenance of parks and gardens*

Il-Kunsill qabel li jagħzel l-offerta ta' Environmental Landscapes Consortium Ltd peress li kienet l-irħas offerta.

## 9 Aġġudikazzjoni tat-Tender BLCI 1/14- Insurance Cover to the Balzan Local Council

Il-Kunsill qabel li jagħzel l-offerta ta' Island Insurance Brokers Ltd. peress li kienet l-irħas offerta.

## 10 Espressjoni ta' interess- Post Alternattiv,Uffiċċju Kunsill Lokali Balzan

Is-Sindku Dr. J.Zammit Montebello informa lill-Kunsill li rċivejna direzzjoni mid-dipartimet tal-Gvern Lokali fejn infurmawna li l-Kunsill jista' joħroġ Expression of Interest biex jara min hu interessat mis-settur privat li jidħol fi Private Public Partnership biex jinfetaħ Ċentru tal-Komunita'.

Is-Sindku talab lis-Segretarju biex jagħraf lill-Perit tal-Kunsill biex jibda din il-proċess ta' sejħa ta' interess.

## 11 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-22 ta' April 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 20,261.12

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 12 Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 3919**: Talba mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara biex titwaħħal sleeping policeman fi Triq il-ferrovija l-Qadima kantuniera ma' Vjal il-Bon Pastur. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Malta.

**Ittra Nru. 3917**: Emajl mingħand is-Supretendent tad-Distrett Sharon Tanti fejn tixtieq tiltaqa' mal-Kunsill biex jiġu diskussi l-problemi li jistgħu jezistu ġewwa Ħal Balzan rigward il-bon ordni.

**Ittra Nru 3914**: Ittra mingħand s-Sinjura Moira German biex jiġi sorġut tower krejn fi 131, Triq Il-Ferrovija l-Qadima għal xogħol ta' kostruzzjoni. Il-Kunsill ser jitlob il-parir tal-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel rapport dwar din it-talba qabel ma jieħu deċizjoni għaliex irid ikun ċert li ma tinħoloqx inkonvenjenza tat-traffiku apparti s-saħħa u s-sigurta' tar-residenti.

**Ittra Nru 3881**: Ittra mingħand il-MEPA dwar l-approvazzjoni tal-permess PA/0658/04- Sit fi Triq San Frangisk kantuniera ma' Triq San Gabriel.

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 13 Komunikazzjoni tas- Sindku

Is-Sindku Dr. John Zammit Montebello ta d-dettalji tal-laqgħa li kellu mad-Direttur, is-Sur Ray Dimech mid-Dipartiment tal-Anzjani flimkien mal-Kumitat tal-Kazin San Gabriel rigward id-Day Care Centre.

Huwa xtaq irodd ħajr lill-Kunsillier Guido Borg tal-ħidma tiegħu biex ikun jista' jseħħ dan il-proġett. Huwa qal li f'din il-laqgħa raw xi ħtiġijiet hemm bzonn għal dan iċ-Ċentru fejn is-Sur Dimech deher sodisfatt b'dak li kien qed jiġi proponut u huwa pożittiv li dan il-proġett iseħħ. Is-servizzi provduti mill-Gvern għal dan iċ-Ċentru huwa ta' staff biss.

Il-Kunsillier Guido Borg qal li jekk dak li ntqal ma jseħħx, il-Kappillan tal-Parroċċa aċċetta li dan id- Day Care Centre isir fis-Sala Aurora.

Is-Sindku Dr. John Zammit Montebello informa lill-Kunsill li ser ningħataw għotja ta' € 4600 minn fondi ta' ħlasijiet dovuti minn ċitazzjonijiet ta' qabel Settembru tas-sena 2011 fejn bħala Kunsill nieħdu commission. Huwa ħabbar li € 3600 minnhom ser jintefqu fuq il-ftuħ tal-progett ERDF 205 u € 1000 ser jizdiedu mal-fondi li diġa hemm biex tittella' l-attivita' tal-"Lejla Interkulturali Balzanija"

## 14 Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' staqsa f'liema stadju waslet it-talba ma' Transport Malta biex titneħħa parking bay u isiru yellow lines quddiem id-dar 43 Triq Idmejda. Is-Segretarju wieġeb li qabel ma' l-propjetarju jipprovdi kopja tal-permess tal-bini, Transport Malta ma jistgħux ikomplu jipproċedu.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' talab lill-Kunsill biex issir tiġi sottomessa oġġezzjoni formali mal-MEPA rigward il-permess PA 01178/14 ta' quddiem il-Qronfla. Il-Kunsill ser jipproċedi b'din l-oġġezzjoni.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara qassam lil kull kunsillier kopja tal-ktieb Framework for Education Strategy fuq inizjattiva tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol biex ituħ titwila u fil-laqgħat li jmiss jiġi diskuss forsi jkun hemm xi suġġerimenti.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara qal li fi Triq it-Tlett Knejjes il-propjeta 46/52 li huwa palazz inbiegħet. Din il-propjeta għandha valur storiku u bħala Kunsill għandna naraw li ma jsirux alterazzjonijiet interni li jistgħu jikkawżaw ħsara lill-valur storiku ta' dan il-post. Il-Kunsill s'issa għadu ma rċieva ebda tip ta' permess mill-MEPA dwar xi xogħolijiet ta' alterazzjoni interna. Il-Kunsill ser joqgħod attent għal kull eventwalita'.

Il-Kunsillier Stephen Gatt tkellem fuq is-seminar li attenda fuq Road Safety organizzat minn Transport Malta kif ukoll il-meeting li kellu ma' l-HSBC dwar opportunita' ta' impjiegi għar-residenti ta' Ħal Balzan mal-kumpanija. Fuq din ta' l-aħħar, il-Kunsill aċċetta li jagħti l-għajnuna neċessarja

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 14 ta'Mejju 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data